# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

**ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Seduta tal-lum, 12 ta’ Lulju, 2024**

**Rikors Ġuramentat Nru.: 367/2016 MH**

**Numru:10**

**Alfred Mifsud u martu Maria Mifsud**

**vs**

**Anthony Caruana u b’digriet tat-3 ta’ Marzu 2017 ġiet kjamata fil-kawża s-soċjeta’ K & K Ventures Limited (C-35044)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-atturi konjuġi Mifsud tad-9 ta’ Mejju 2016** li permezz tiegħu ġie premess u mitlub -

*1. Illi l-esponent ilu jokkupa l-fond residenzjali tieghu li jgib l-indirizz 20 Triq San Guzepp, Msida ghal dawn l-ahhar sittin sena;*

*2. Illi mill-fond hawn imsemmi, l-esponent kien igawdi minn dritt ta servitu ta prospett ghal fuq il-proprjeta adjacenti, llum appartenenti lill-intimat;*

*3. Illi ghal habta tas-sena 2012, l-intimat iddemolixxa l-proprjeta adjacenti ghal dik tal-attur u minnflokha bena blokk ta appartamenti;*

*4. Illi fil-Blokk ta appartamenti li nbnew mill-intimat adjacenti ghal fond residenzjali tal-attur, infethu twieqi li jharsu ghal fuq il-bejt u l-arja tal-imsemmija residenza tal-attur;*

*5. Illi l-ftuh ta tali twieqi qed iservu biex gew ikkrejati servitu ta prospett ghal fuq ir-residenza ta l-attur, cioe piz li qabel ma kienx jezisti qabel tali zvilupp u inoltre qed jimmina bis-shih id-dritt ta privatezza li kien igawdi l-attur mill-fond residenzjali tieghu;*

*6. Illi ghandu jirrizulta inoltre li l-ftuh ta tali twieqi ma humiex koperti bil-permess relattiv mahrug mill-Awtorita tal-MEPA tant illi fuq il-pjanti approvati ma hemm indikati mkien il-ftuh taghhom fuq dik il-parti tal-binja;*

*7. Illi ghalkemm saru diversi tentattivi ghal soluzzjoni bonarja bejn il-kontendenti, baqa ma sarx ftehim ahhari u definittiv bejniethom fuq din il-pendenza;*

*8. Illi ghalhekk l-attur gie kostrett jistitwixxi l-odjerni proceduri;*

*9. Illi l-fatti li jifformaw parti minn dawn il-premessi huma maghrufa personalment mill-attur;*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:-*

*1. Tiddikjara li l-ftuh tat-twieqi fil-proprjeta tal-intimat li jharsu ghal fuq il-fond residenzjali tal-attur huma abbusivi u llegali stante li ma humiex koperti bil-permess relattiv mahrug mill-Awtorita tal-MEPA;*

*2. Tiddikjara li l-ftuh ta tali twieqi holqu servitu ta prospett b'mod u manjiera mhux permessa mill-ligi;*

*3. Tordna konsegwentement l-gheluq ta l-imsemmija aperturi mill-intimat jew altrimenti jittella l-hajt divizorju bejn iz-zewg proprjetajiet b'mod u manjiera sabiex jigi salvagwardjat id-dritt tal-attur ghal privatezza tieghu u dana okkorrendo taht id-direzzjoni u supervizjoni ta perit arkitett nominat minn dina*

*l-Qorti fi zmien qasir u perentorju fissat mill-istess Qorti u dana a spejjes ta l-istess intimat;*

*4. Tawtorizza lill-attur jaghmel ix-xogholijiet huwa stess a spejjes ta l-intimat fil-kaz li ta l-ahhar ma jottemporax ruhu mill-ordni moghtija fit-tielet talba;*

*5. Taghti kul provvediment iehor li jkun jidrilha xieraq u opportun sabiex jigu akkolti u enforzati t-talbiet attrici.*

*Bl-ispejjes kontra l-intimat minn issa ngunt personalment ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' Robert Delezio bħala mandatarju speċjelai għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti Anthony Caruana (K.I. 330168M) tad-29 t'Awwissu 2016** li permezz tagħha tressqu dawn l-eċċezzjonijiet -

*"1. Illi l-esponenti nomine mhux il-leġittimu kontradittur tal-atturi, u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, in kwantu mhux il-proprjetarju tal-fond de quo liema fond jappartjeni lis-soċjetà K&K Ventures Limited, kumpannija li fiha l-esponenti nomine huwa biss azzjonista u direttur;*

*2. Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-atturi m'għandhom l-ebda interess ġuridiku sabiex jiksbu dikjarazzjoni kontenuta fl-ewwel talba attriċi;*

*3. Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-atturi in kwantu m'humiex sidien tal-fond 20, Triq San Ġużepp, Msida ma jistgħux jippromwovu azzjoni negatorja, għaldaqstant it-talbiet kollha relattivi għandhom jiġu miċħuda;*

*4. Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-atturi in kwantu m'humiex sidien tal-fond 20, Triq San Ġużepp, Msida ma jistgħux jgħollu l-ħajt diviżorju bejn il-fondi mertu tal-kawża għaldaqstant it-talba relattiva għandha tiġi miħċuda;*

*5. Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti nomine ma jistax jiġi ikkundannat sabiex jgħolli l-ħajt diviżorju bejn il-fondi mertu tal-kawża, għaldaqstant it-talba relattiva għandha tiġi miċħuda;*

*6. Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument annessi mar-risposta ġuramentata.

Rat **ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' kjamata fil-kawża K & K Ventures Limited tad-9 ta' Ottubru 2017** li permezz tagħha tressqu dawn l-eċċezzjonijiet-

*"1. Illi l-atturi m'għandhom l-ebda interess ġuridiku sabiex jiksbu dikjarazzjoni kontenuta fl-ewwel talba attriċi;*

*2. Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-atturi in kwantu m'humiex sidien tal-fond 20, Triq San Ġużepp, Msida ma jistgħux jippromwovu azzjoni negatorja, għaldaqstant it-talbiet kollha relattivi għandhom jiġu miċħuda;*

*3. Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-atturi in kwantu m'humiex sidien tal-fond 20, Triq San Ġużepp, Msida ma jistgħux jgħollu l-ħajt diviżorju bejn il-fondi mertu tal-kawża għaldaqstant it-talba relattiva għandha tiġi miħċuda;*

*4. Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti nomine ma jistax jiġi ikkundannat sabiex jgħolli l-ħajt diviżorju bejn il-fondi mertu tal-kawża, għaldaqstant it-talba relattiva għandha tiġi miċħuda;*

*5. Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument annessi mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi tal-partijiet u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tagħhom.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku nkarigat minnha Elena Borg Costanzi.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara li l-ftuħ tat-twieqi fil-proprjeta' tal-intimati li jħarsu għal fuq il-fond residenzjali tal-atturi sar b'mod illegali u abbużiv stante li l-istess twieqi mhumiex koperti bil-permessi relattivi mill-awtoritajiet kompetenti. Inoltre, huma jsostnu li dawn it-twieqi ħolqu servitu' ta' prospett b'mod u manjiera li mhijiex permessa mill-liġi. Għaldaqstant huma qed jitolbu lill-Qorti tordna l-għeluq ta' dawn l-aperturi jew

li jogħla l-ħajt diviżorju bejn iż-żewġ fondi b'tali mod li jiġi salvagwardjat id-dritt għall-privatezza tagħhom u dan a spejjeż tal-konvenuti jew min minnhom.

Il-konvenut u s-soċjeta' kjamata fil-kawża jirrespinġu dawn il-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**A. PROVI**

Mill-atti jirriżulta li –

i. L-atturi mhumhiex il-proprjetarji tal-fond numru 20, Triq San Ġużepp, Msida[1]. Huma ilhom jikru l-fond imsemmi mingħand terzi sa mill-1958[2];

ii. Permezz ta' kuntratti datati 20 u 21 ta' Diċembru 2011 rispettivament, is-soċjeta' K & K Ventures Ltd akkwistat il-fondi numru 12 u 14, Triq San Ġużepp, Msida. Hija żviluppat dawn il-proprjetajiet f'żewġ maisonettes, erba' appartamenti u penthouse, illum bl-isem Yanica Court, Triq San Ġużepp, Msida. Dawn il-fondi huma dawk li dwarhom l-atturi ntavolaw il-proċeduri odjerni[3];

iii. It-twieqi li dwarhom qed isir l-ilment mill-atturi nbnew fil-perjodu bejn l-2012 u l-2014[4]. Fix-xhieda tagħhom l-atturi jilmentaw li dawn it-twieqi li jinsabu fil-blokka 'l fuq mis-shaft iħarsu direttament għal fuq it-terrazzin tal-atturi b'dana li qegħdin ixekklu l-privatezza u s-sens ta' sigurta' li kienu jgawdu qabel. B'hekk qed jiġi aggravat is-servitu' ta' prospett li l-atturi kienu preċedentement igawdu għal fuq il-proprjeta' adjaċenti;

[1] Xhieda tal-attur a fol 106 u a fol 111
[2] Fol 103
[3] Fol 26 et seq
[4] Fol 106

iv. Inoltre l-atturi jilmentaw li dawn l-istess twieqi mhumhiex koperti mill-permessi relattivi tal-awtoritajiet kompetenti;

v. Kien hemm komunikazzjoni għaddejja bejn il-partijiet dwar dawn il-kwistjonijiet li pero' ma wasslu għal ebda eżitu pożittiv;

vi. Permezz ta' digriet datat 11 t'Ottubru 2017 il-Qorti ħatret lill-perit Elena Borg Costanzi biex wara li tieħu konjizzjoni tar-rikors ġuramentat tistabilixxi jekk l-aperturi hemm imsemmija jirrispettawx id-distanza legali kif ukoll jekk l-istess twieqi humhiex konformi ma' kwalunkwe permezz maħruġ mill-MEPA[5]

vii. Fir-relazzjoni tagħha l-perit tekniku nkarigata mill-Qorti Elena Borg Costanzi kkonkludiet li[6] -

- Għar-rigward ta' jekk l-aperturi in kwistjoni jirrispettawx id-distanza legali, u peress li l-istess perit tekniku ma kinitx awtorizzata tagħmel survey tal-aperturi, l-esponenti ma tistax tgħid biċ-ċert jekk id-distanza legali ġietx rispettata jew le, iżda jidher illi tali distanza ġiet rispettata. Sabiex dan jiġi konfermat, ma hemm ebda mod ieħor ħlief illi jsir survey;

- Għar-rigward ta' jekk l-istess twieqi humiex konformi ma' kwalunkwe permess maħruġ mill-Awtorita' MEPA, hija kkonfermat li l-aperturi fil-ħajt li huma kartabum mal-ħajt tal-appoġġ huma idjaq minn dawk approvati, mentri l-kumplament tal-aperturi fil-ħajt it-twil huma kompletament assenti fil-pjanta approvata u għaldaqstant mhumhiex konformi mal-permess.

[5] Fol 60
[6] Rapport a fol 92 et seq

Jiġi sottolineat li l-insenjament ġurisprudenzjali dwar il-piż probatorju ta' opinjonijiet ta' natura teknika huwa wieħed konkordi u ormai ben kristalizzat. Kif ingħad fil-każ **A.F. Ellis (Home Decor) Limited vs Raymond Azzopardi et deċiż fil-15 ta' Mejju 2014**[7] -

*"Fis-sentenza tagħha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawża "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –*

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu skond il-liġi prova ta` fatt li kellhom bħala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leġġerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-preżenti istanza kien kollu kemm hu wieħed ta' natura teknika li ma setax jiġi epurat u deċiż mill-Qorti mingħajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika.*

*In linea ta` prinċipju, għalkemm qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' tagħmlu b' mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-*

[7] Rik 988/08

*konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami ("**Grima vs Mamo et noe**" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).*

*Jiġifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieġ mil-lat tekniku. ( ara - "**Cauchi vs Mercieca**" – Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 ; "**Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 ; "**Tabone vs Tabone et**" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "**Calleja noe vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001 ; `**Attard vs Tedesco et**` - Qorti tal-Appell – 1 ta` Ġunju 2007 u "**Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et**" (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta` Diċembru 2008).*

*Din il-Qorti tirribadixxi li l-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta` lilha mogħtija ta' talba għan-nomina ta` periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli" – ("**Bugeja et vs Muscat et**" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Ġunju 1967)."*

Fid-dawl ta' dan kollu suespost isegwi li għalkemm Qorti mhijiex marbuta li tadotta l-konklużjonijiet ta' rapport peritali redatt fuq inkarigu minnha mogħti, madankollu hija m'għandhiex b'mod leġġer tiskarta tali riżultanzi tenut kont li dawn ikunu magħmula minn espert imqabbad apposta mill-Qorti biex jeżamina materja teknika bħal ma hu l-każ odjern. Għalhekk sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjonijiet ta' tali relazzjoni mhumhiex korretti u ġusti hija għandha tadotta tali konklużjonijiet.

Hija l-fehma tal-Qorti li ma rriżulta xejn fil-konklużjonijiet raġġunti mill-perit inkarigat Elena Borg Costanzi fir-relazzjoni peritali tagħha li mhumhiex korretti,

ġusti u raġjonevoli jew li jmorru kontra l-konvinzjoni tagħha u għalhekk hija tiddeċiedi li tadotta u tagħmel tagħha tali konklużjonijiet.

## B. <u>EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI</u>

1. **L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Anthony Caruana** tgħid hekk –

*"Illi l-esponenti nomine mhux il-leġittimu kontradittur tal-atturi, u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, in kwantu mhux il-proprjetarju tal-fond de quo liema fond jappartjeni lis-soċjetà K&K Ventures Limited, kumpannija li fiha l-esponenti nomine huwa biss azzjonista u direttur;"*

Għal dak li jirrigwarda l-prinċipji ġurisprudenzjali li jirregolaw min għandu jitqies leġittimu kontradittur f'kawża, ingħad hekk minn din il-Qorti stess fil-każ **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et deċiża fit-28 ta' Settembru 2016**[8] **-**

*"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawża bħala leġittimu kontradittur jirriżultaw ben ċari mill-ġurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deċiża fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell:*

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux*

[8] Rik Gur Nru 700/14

*fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

*Fil-każ fl-ismijiet* ***Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deċiż fit-23 t'Ottubru 2009***[9] *intqal hekk:*

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-liġi, il-kostituzzjoni in ġudizzju ta' parti mħarrka tinsel minn qagħda ta' rapport ġuridiku preċedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuż jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodiċi Ċivili. Dan neċessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oġġett jew it-titolu tal-kawża."*

*Illi inoltre l-ġurisprudenza tkompli hekk:*

*"Għal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv għal dak prospettat mill-attur bit-talba tiegħu. Dan għaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bażi tad-domanda proposta."* ***(Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)***[10]*."*

Irriżulta ampjament mill-provi li kienet is-soċjeta' kjamata in kawża K & K Ventures Ltd li kienet xtrat u żviluppat mill-ġdid il-proprjeta' li flokha llum hemm dik mertu tal-kawża. Għalkemm kien hemm komunikazzjoni matul u wara li sar l-iżvilupp bejn l-atturi u l-konvenut Anthony Caruana, ma jfissirx li huwa kien qiegħed jitkellem f'ismu personalment.

[9] Rik 1758/99 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)
[10] (Nru 777/06) Deciz 13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti ta' l-Appell

**Din l-eċċezzjoni sejra tintlaqa' u għalhekk il-konvenut Anthony Caruana ser jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.**

**2. Fl-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' kjamata in kawża** jingħad hekk -

*"Illi l-atturi m'għandhom l-ebda interess ġuridiku sabiex jiksbu dikjarazzjoni kontenuta fl-ewwel talba attriċi".*

Il-ġurisprudenza li tirrigwarda l-interess ġuridiku meħtieg sabiex persuna tkun tista' tipproċedi fil-Qorti b'kawża kontra persuna jew persuni oħra hija voluminuża.

Fil-każ fl-ismijiet **Integrated-Capabilities (Malta) Ltd et vs Crowd Shout Holdings Ltd et deċiż fil-31 t'Ottubru 2016** il-Qorti qalet hekk-

*"Fis-sentenza li tat fit-23 ta` April 2013 fil-kawża **"Amedeo Barletta noe et v. L-Awtorita` tas-Servizzi Finanzjarji ta` Malta"** din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk:-*

*"Illi l-Qorti tqis li meta wieħed iħares lejn is-siwi ta` eċċezzjoni li tqanqal dubju dwar jekk hemmx tassew l-interess ġuridiku tal-parti attriċi li ssostni l-kawża, wieħed irid iżomm ma` dak li jipprovdi l-artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta` Malta u mal-prinċipji li sa minn zmien twil ilu ssawru biex ifissru x`inhu meħtieġ biex tali interess isejjes il-jedd tal-azzjoni. Biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta` utilita` u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd (Ara App. Ċiv. 13.2.1953 fil-kawża fl-ismijiet **Manche` vs Montebello** (Kollez. Vol: XXXVII.i.56), b`mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex ipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi (P.A. 7.1.1953 fil-kawża fl-ismijiet **Camilleri vs Sammut** (Kollez. Vol: XXXVII.ii.605). Kien minħabba dan il-prinċipju li għadd ta` sentenzi caħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb`sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett*

*materjali (Ara App. Ċiv. 8.6.1942 fil-kawża fl-ismijiet* **Cortis vs Bonello** *(Kollez. Vol: XXXI.i.218);*

*Illi, minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa` fil-kawża (App. Ċiv. 17.2.1993 fil-kawża fl-ismijiet* **Sammut et noe vs Attard** *(Kollez. Vol: LXXVII.ii.246).*

*Hu stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att innifisu li bih tinbeda kawża (Ara App. Ċiv. 3.12.1984 fil-kawża fl-ismijiet* **Borg vs Caruana** *(Kollez. Vol: LXVIII.ii.232) u l-għadd ta` sentenzi hemm imsemmija, u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fir-Rikors Maħluf, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat (Ara App. Ċiv. 12.12.1983 fil-kawża fl-ismijiet* **Ignazio Gatt vs Michael Debono et***). Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew ġid, u jista` jeżisti wkoll fejn jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv (P.A. 13.10.1952 fil-kawża fl-ismijiet* **Axiaq vs Mizzi noe et** *(Kollez. Vol: XXXVI.ii.532), imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku (App. Ċiv. 15.12.1932 fil-kawża fl-ismijiet* **Scolaro vs Bailey** *(Kollez. Vol: XXVII.ii.195);"*

*Hekk ukoll fis-sentenza li tat fis-17 ta` Mejju 2011 fil-kawża "***MrBookmaker.com Ltd. v. Stichting De Nationale Sporttotalisator, entita` estera***" din il-Qorti (PA/FS) qalet:-*

*"Din il-Qorti kif presjeduta, fil-kawża fl-ismijiet* **Maria Tabone et vs Joseph Schembri***, deċiża fit-30 ta` Jannar, 2007 qalet: "Dwar il-kunċett ta` l-interess*

*ġuridiku, jibda biex jingħad, li - Fil-kawża fl-ismijiet* ***Giulia Maria Millard vs George Said et noe*** *deċiża mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299] ingħad li biex wieħed jista` jingħad li għandu interess ġuridiku li jipproponi azzjoni, hemm bżonn li l-kawża li jipproponi tkun tista' tipproduċilu riżultat utli jew vantaġġjuż għalih.*

*Fil-kawża fl-ismijiet* ***Alexander Eminyan vs John Mousu` pro et nomine*** *deċiża mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Superjuri fit-28 ta` Frar, 1997 [LXXXI-11-429] ġie ritenut li l-interess ġuridiku jrid ikun reali u attwali u għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur u f`dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jiġi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-aġir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali għal tali aġir.*

*L-interess irid ikun ġuridiku, ċioe` bbażat fuq xi dritt pretiż leż ta` l-atturi. (Mattirolo Vol. I pag.50; Mortara VoII p.588). Il-**Mattirolo** f`dan ir-rigward jispjega li :-*

*"L`azione compete soltanto e tutela dei diritti; l`interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non guidizio possibile; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d`altro pregudichi I nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico, che non esiste se non e` `injuria datum`, se cioe` non e` prodotto da chi esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto."*

*Il-liġi qegħda hemm biex tipproteġi dak l-interess li għandu dritt bħala bażi tiegħu. Huwa għalhekk, li jingħad li l-interess huwa l-miżura ta` l-azzjoni.L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali ċjoe' jrid joħroġ minn stat*

*attwali ta` vjolazzjoni ta` dritt. (Ara* ***Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe*** *deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fid-29 ta` Jannar 1997).*

*Illi minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett ta` l-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Hekk ġie ritenut fil-kawża* ***Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard*** *Appell Ċivili datat 17 ta` Frar 1993. Illi ġie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew ġid, u jista` jkun ukoll meqjus imsejjes, jekk jimmira li jħares jew jagħti għarfien għall-jedd morali jew suġġettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku. (Ara* ***Axiaq vs Mizzi noe et*** *Prim Awla Qorti Ċivili deċiża fit-13 ta` Ottubru 1952,* ***Scolaro vs Bailey****, Appell Ċivili deċiż fil-15 ta` Diċembru 1932,* ***Tarcisio Barbara vs Emanuel Azzopardi, John Bondin****, Prim`Awla Qorti Ċivili deċiż fit- 28 ta` Marzu 2003).*

*Dan il-prinċipju ġie ribadit fil-kawża* ***Falzon Sant Manduca vs Weale****, deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Jannar 1959, fejn intqal li l-interess irid ikun ġuridiku, jiġifieri jkollu l-elementi meħtieġa biex isawru l-interess ta` l-attur, iżda dan l-interess m`hemmx għalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku. Il-Qrati tagħna, saħansitra taw deċiżjonijiet fis-sens li persuna għandha nteress li tiġi msejħa fil-kawża anke fejn la tista` tirbaħ il-kawża u lanqas tista` tiġi kkundannata, imma biss għaliex il-kwistjoni tirrigwarda jeddijiet tagħha u għall-integrita` tal-ġudizzju. (Ara* ***Lawrence Farrugia vs Joseph Fava*** *deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fit-18 ta` Mejju 1995).*

*Għalhekk jekk wieħed jipprova jiġbor dawn il-prinċipji fil-qasir wieħed jista` jgħid li l-interess ġuridiku:*

*-irid ikun attwali [jeżisti fil-mument li tiġi proposta l-azzjoni riferibbilment għal ksur ta` jedd u jibqa` jeżisti fil-kors kollu tal-kawża]*

*- irid ikun dirett*

*- irid ikun leġittimu [konformi għal dritt ta` l-attur, u mhux biss interess]*

*- irid ikun ġuridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]*

*- l-azzjoni trid tkun kapaċi li twassal lill-attur għall-otteniment ta` vantaġġ u utilita`*

*- għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur*

*- il-kawża li jipproponi tkun tista` tipproduċilu riżultat utli jew vantaġġjuż għalih.*

*- Irid jiġi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-aġir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali għal tali aġir*

*- Ma jistax ikun ipotetiku, għalkemm jista` jirreferi għal jedd morali jew suġġettiv."*

Fl-ewwel talba tagħhom l-atturi qed jitolbu lill-Qorti tiddikjara li l-ftuħ tat-twieqi fil-proprjeta' tas-soċjeta' kjamata in kawża li jħarsu għal fuq il-fond residenzjali tal-atturi huma abbużivi u llegali stante li mhumhiex koperti bil-permess relattiv tal-MEPA.

F'dan l-istadju, u għal fini ta' din l-eċċezzjoni, irrispettivament minn jekk fil-fatt it-twieqi in kwistjoni humiex konformi mal-permess maħruġ mill-MEPA jew le, irid jiġi stabbilit jekk l-atturi għandhomx l-interess ġuridiku li jressqu tali talba kif impostata quddiem din il-Qorti.

Issir immedjatament referenza għal sentenza ta' din il-Qorti stess fl-ismijiet **Andrew Zammit et vs Joseph Pavia et deċiża fit-30 ta' Novembru 2016 u konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar 2018 -**

*Hawnhekk issir referenza ukoll ghal dak li inghad minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-kawza* ***Dentista Gerald Zammit v. Alfred Borg*** *fejn intqal li:*

*"Ir-regolamenti tal-bini u l-permessi li jinhargu tahthom joholqu zewg relazzjonijiet:*

*(a) wahda amministrativa bejn l-awtorità u dak li lilu jinhareg il-permess tal-bini, u f'din ir-relazzjoni terzi ma jistghux jindahlu; u - fil-kaz biss illi mir-regolamenti johorgu servitujiet legali fuq fond servjenti favur fond dominanti - (b) relazzjoni civili tan-natura ta' servitù bejn il-girien, sidien privati.*

*Minn dan isegwi li l-permess, li hu espressjoni tar-relazzjoni li sejjahnielha amministrativa, ma jinteressax lit-terzi, ghax la jzid u lanqas inaqqas id-drittijiet taghhom. Ukoll jekk bini jsir skond il-permess, ma jfissirx b'hekk li jista' jirfes drittijiet ta' terzi, fosthom servitujiet. Għalhekk, għall-attur huwa indifferenti jekk il-bini sarx bil-permess jew mingħajru."*

Minn dan isegwi li għal fini ta' din il-kawża l-atturi m'għandhom ebda interess ġuridiku li jressqu pretensjoni quddiem din il-Qorti sabiex tiddeċiedi jekk it-twieqi in kwistjoni humhiex mibnija skont il-permess tal-MEPA jew le, in kwantu dan mhuwhiex il-forum idoneu fejn tali ndaġini *se mai* għandha tiġi kondotta. Tali lment jew talba għandhom jitressqu quddiem l-awtorita' kompetenti, ċioe' il-MEPA biex imbagħad tinvestiga hi jekk it-twieqi in kwistjoni humhiex koperti bil-permess relattiv jew le.

**L-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' kjamata in kawża sejra għalhekk tiġi milqugħa u konsegwentement l-ewwel talba tal-atturi ser tiġi miċħuda.**

**3. It-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta' kjamata in kawża** tgħid hekk -

*Illi fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-atturi in kwantu m'humiex sidien tal-fond 20, Triq San Ġużepp, Msida ma jistgħux jippromwovu azzjoni negatorja, għaldaqstant it-talbiet kollha relattivi għandhom jiġu miċħuda."*

Fis-sentenza **Iris Camilleri Mifsud vs Noel Vassallo et deċiża fid-29 ta' Settembru 2021**[11] din il-Qorti stess elenkat il-prinċipji ewlenin marbuta mal-*azzjoni negatoria servitutis* li tirrispekkja l-bażi tal-azzjoni odjerna -

*"Mill-mod kif inhi mpustata l-kawża attriċi juri li din hija actio negatoria servitutis.*

*Ingħad hekk fir-rigward fil-każ* ***Victor Agius et vs Carmelo Galea et deċiż fis 27 ta' Jannar 2020*** *–*

*"3. Il-kunsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin ma' din l-azzjoni ġew spjegati tajjeb mill-Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef fis-sentenza Rosario sive Louis Schembri et vs Joseph Demanuele et datata 27 ta' Mejju 2004:*

*"l-għan waħdieni tal-actio negatoria huwa dak li jikseb dikjarazzjoni li l-ġid tal-attur mhux suġġett għal servitu' favur ġid ta' ħaddieħor, u li jitneħħa dak kollu li jxejjen l-istat ta' tgawdija ħielsa minn kull servitu'. Din l-azzjoni tinbena fuq il-presuppost li l-ġid immobbli huwa ħieles (P.A. 9.1.1877 fil-kawża fl-ismijiet Desain vs Piscopo Macedonia (Kollez. Vol: VIII.21)). Għalhekk hija azzjoni ta' għamla petitorja (App. Ċiv. 19.2.1951 fil-kawża fl-ismijiet Farruġia et vs Cassar (Kollez. Vol: XXXV.i.10)) u tista' titressaq biss minn min hu sid tal post (App. Ċiv. 20.12.1946 fil-kawża fl-ismijiet Falzon et vs Degiorgio (Kollez. Vol: XXXII.i.485)) u mhux minn kull min ikun jippossedih, u dan bħala effett dirett tal-*

[11] 912/2019 MH

*fatt li l-azzjoni petitorja tirrigwarda jeddijiet reali (P.A. 3.4.1995 fil kawża fl-ismijiet Baldacchino vs Grima et (Kollez. Vol: LXXIX.iii.1219));*

*Illi normalment ukoll, fl-azzjoni negatorja, il-piż tal-prova tal-esistenza ta' servitu' fuq il-fond tal-attur taqa' fuq il-parti mħarrka (App. Ċiv. 28.1.1957 fil-kawza fl-ismijiet Vella et vs Magro (Kollez. Vol: XLI.i.69)), minkejja li din tkun tinsab fil-kważi pussess tas-servitu' pretiża (P.A. PS 18.2.2004 fil-kawża fl-ismijiet Nazzareno Schembri vs Leonilda Farrugia).*

*Għalhekk, kulma għandu jipprova l-attur f'kawża bħal din hu li huwa tassew sid il-post li fuqu qiegħed jiġi pretiż is-servitu'. Filwaqt li l-parti mħarrka trid turi li tassew jeżisti s-servitu' minnha vantat (P.A. PS 31.1.2003 fil-kawza fl-ismijiet Joan Cachia vs Marianna Schembri);" Ara wkoll is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet Joseph Camenzuli vs Theresa Gafa et datata 13 ta' Ottubru 2017."*

*L-istess ħsieb hu espress minn ġuristi ferm kwotati kif naraw minn dak li ntqal fil-ġurisprudenza nostrana fid-deċizzjoni suriferita fl-ismijiet Giuseppe Falzon et. vs Antonio Degorgio*[12]*:- "Illi fuq in-natura ta' din l-azzjoni, li hija negatorja, hija ħaga stabbilita fid-dritt li din hija waħda mill-azzjonijiet petitorji, li tmiss lill-propjetarju biex jissalvagwardja l-propjeta' tiegħu, u għalhekk bażi tagħha hija illi l-attur li jesperimentaha għandu juri, bħala bażi fondamentali tagħha, illi hu għandu dritt tal-propjeta'. Il-Laurent, fil-Vol VIII, Diritto Civile jgħid, kif der resto hija xi ħaga elimentari, ill "l-azione negatoria e' altresi' una azione reale che il propietario di un fondo propone contro colui che vi si attribuisce senza diritto qualche servitu' e che sia inibito al convenuto di usarne." L-istess ħaga jgħid il-Pacifico Manzoni, Delle Servitu' Prediali, Vol.111. paġ 328 no. 216:- "Appartiene tale azione ad ogni propietario di un fondo che ne abbia*

[12] 4 Appell Ċivili 20 ta' Diċembru, 1946: ukoll Carmelo Mercieca vs Emmanuele Sant Appell Ċivili; 6 ta' Lulju, 1968 kif ċitati fil-ktieb L-ALFABETT Tal-Kodiċi Ċivili Vol. A pagna 493 per L-Imħallef Emeritus Philip Sciberras LL.D.

*turbato il pacifici godimento colla pretesa di un diritto di servitu' sopra di esso. Da parte quindi del attore due condizioni debbono verificarsi. Perccioche' e' necessario in primo luogo che egli sia propietario dell' immobile anzidetto." Għalhekk fondament ta' l-azzjoni hija l-propjeta', u meta l-konvenut f'din l azzjoni jattaka dak l-ewwel element tal-propjeta', ċertament l-attur għandu jipprova li huwa propjetarju tal-post. Il-Venzi, Diritto Civile Italiano, nru. 322, huwa ta' l-istess opinjoni:-"L-azione negatoria e quasi un rivendicazione parziale; e' data al propietario contro chi pretende di avere un diritto reale sulla cosa, diritto che egli nega. Il propietario deve provare il suo diritto di propieta' e l-atto che ha turbato il suo godimento. Quando ha dato queste prove non deve fare altro, e cio' per effetto del carattere di esclusivita' che ha il diritto di propieta'....". L-istess insibu fid-Digestivo Italiano, Servitu' Prediali, paġ.173".*

Minn dan jirriżulta ċar in primis li tali azzjoni tispetta biss lis-sid tal-proprjeta', titolu li l-atturi m'għandhomx stante li huma jirrisjedu fil-fond biss *qua* inkwlini. Il-fatt li skont l-atturi s-sid kien miet[13] naturalment ma jbiddel xejn stante li fiż-żarbun tiegħu jidħlu l-eredi u mhux is-sempilċi inkwilini.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Emanuel Farrugia et vs Nikola Farrugia et deċiża fid-9 ta' Jannar 2009** enfasizzat hekk fir-rigward ta' *actio confessoria servitutis* ntavolata mill-inkwilin u mhux mis-sid -

*"10. Mir-rikors ta' l-appell johrog car illi l-atturi appellanti ghadhom isostnu li l-azzjoni attrici hija l-actio confessoria servitutis u li giet minnhom validament istitwita kontra l konvenuti appellati ghaliex ghalkemm fuq il-barriera fil pussess taghhom ghandhom biss titolu ta' lokazzjoni, huma jgawdu minn servitù predjali vera u proprju fil konfront ta' l-art proprjetà tal-konvenuti appellati.*

[13] Fol 106

*11. Ghad-determinazzjoni ta' l-appell odjern, din il-Qorti ser tghaddi l-ewwel biex tezamina n-natura u l-ghan ewlieni ta' l-actio confessoria servitutis, u ghal dan l-iskop issir referenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet Josephine Darmanin v. Joseph Camilleri, Citaz. Nru. 1932/99 deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Gunju 2004.*

*12. Fl-imsemmija sentenza nghad illi l-ghan ewlieni ta' l azzjoni konfessorja huwa dak li permezz taghha s-sid ta' fond li jgawdi servitù fuq fond iehor jitlob dikjarazzjoni mill Qorti li l-gid tieghu jgawdi dik is-servitù li s-sid tal-post l iehor, b'ghemil jew b'fatt iehor, ikun qieghed ixekklu jew inehhih mit-tgawdija taghha. Din l-azzjoni - bhall-azzjoni negatoria – tmiss lil sid il-fond u trid issir biss kontra s-sid tal-fond serventi bhala l-persuna li ghandha interess legittimu li timpunja l-ezistenza tas-servitù pretiza. Illi ghall-kuntrarju ta' dak li hu mistenni fl azzjoni negatorja, l-attur fl-azzjoni konfessorja jrid ghalhekk juri mhux biss li huwa s-sid tal-fond dominanti, imma wkoll li tassew li dak il-fond igawdi s-servitù pretiza fuq il-fond serventi.*

*13. Minn dak appena citat jirrizulta ferm car u inekwivoku li z-zewg elementi li l-attur fl-actio confessoria servitutis irid jirnexxielu jipprova biex l-azzjoni minnu istitwita tirnexxi huma: (a) illi hu huwa s-sid tal-fond dominanti li jippretendi li jgawdi dritt ta' servitù fuq il-fond servjenti proprjetà tal-konvenut; u (b) li l-fond proprjetà tieghu effettivament igawdi s-servitù minnu pretiza. Applikati dawn principji guridici ghall-fattispecie tal-kaz odjern, din il-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni diversa minn dik li wkoll waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u cioè li l-atturi appellanti ma ghandhomx legittimazzjoni attiva biex imexxu bl-azzjoni odjerna in kwantu fuq il-barriera fil-pussess taghhom <u>huma ghandhom biss titolu ta' kera u mhux titolu ta' proprjetà</u> . Il fatt li l-atturi*

*appellanti ghandhom biss titolu ta' kera fuq il barriera fil-pussess taghhom johrog ferm car kemm mic citazzjoni promotorja kif ukoll mid-dikjarazzjoni guramentata relattiva fejn, fl-ewwel wahda mill-premessi fuq liema jibbazaw l-azzjoni taghhom fil-konfront tal konvenuti appellati jiddikjaraw illi l-attur ghandu titolu ta' kera fuq barriera li tinsab fl-inhawi maghrufa bhala tal Isqof, fil-limiti tal-Imqabba; u fir-rikors ta' l-appell l appellanti jikkontendu li l-fatt illi l-atturi appellanti inghataw b'titolu ta' kera mill-Kummissarju tal-Artijiet l-art li qed tintuza minnhom bhala barriera ma jfissirx illi d-dritt ta' passagg li huma jgawdu huwa biss ancillari ghall-pussess tal-barriera*

*14. Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-pretensjoni ta' l atturi appellanti li l-fatt li huma jiddetjenu l-barriera in kwistjoni biss b'titolu ta' kera donnu huwa ghal kollox irrilevanti fil-kuntest ta' l-azzjoni odjerna. Il-verità hi li n natura tat-titolu ta' l-atturi appellanti fuq il-barriera in kwistjoni huwa ostakolu insormontabbli ghalihom u jikkostitwixxi r-raguni ewlenija ghaliex l-azzjoni minnhom istitwita kontra l-konvenuti appellati ma tistax tirnexxi. Bl azzjoni taghhom l-atturi appellanti jridu inter alia jottjenu dikjarazzjoni gudizzjarja li l-barriera mikrija lilhom tgawdi servitù ta' passagg minn fuq l-art proprjetà tal-konvenuti appellati. Ladarba l-azzjoni odjerna hja hekk ibbazata fuq pretensjoni ta' servitù, u ghalhekk ius in re aliena, din ma setghetx issir hlief mis-sid tal-fond dominanti u mhux mill kerrej. Il-kuntratt ta' kera jaghti lill-kerrej biss ius in personam kontra sid il-kera u ma jaghtih ebda drittijiet in re li huma drittijiet erga omnes."*

Dawn il-prinċipji jikkonfermaw li effettivament, kif tajjeb targumenta s-soċjeta' kjamata in kawża, l-atturi ma jistgħux jintavolaw azzjoni negatorja bħal dik odjerna fil-vesti tagħhom ta' nkwilini.

**It-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta' kjamata fil-kawża sejra għalhekk tiġi milqugħa.**

**Konsegwentement it-talbiet attriċi ser jiġu respinti filwaqt li l-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' kjamata in kawża fil-mertu.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi –**

**1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Anthony Caruana u tiddikjara li huwa mhumwhiex leġittimu kontradittur għat-talbiet tal-atturi u tilliberah għalhekk mill-osservanza tal-ġudizzju;**

**2. Tilqa' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tas-soċjeta' kjamata fil-kawża K & K Ventures Ltd filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħha fil-mertu;**

**3. Tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħhom.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**